**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

**IL-PULIZIJA**

**vs**

**Carmel Camilleri**

**Illum, 13 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti:**

Rat li Carmel Camilleri ta' 54 sena, bin Saviour Camilleri u Josephine nee' Saliba, mwieled Attard nhar l-4 ta' Mejju 1969, residenti Cattleya, Triq in-Narċis, Swieqi, u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 236469M:

1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċità tiegħek personali u/jew bħala klijent li għalih qiegħed isir xogħol u direttur ta' Camland Limited fis-sit sitwat fi Triq Maestro Ġiuseppe Busuttil, Swatar, Birkirkara, nhar il-15 ta' Lulju 2020 matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel inqast milli tħares is-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqast

milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424.

2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċità tiegħek ta' klijent inqast milli tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol billi nqast milli tfassal pjan tas-saħħa u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' Art. 5(4)(a) ta' A.L. 88/2018.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi inqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tad-**15 ta' Lulju 2020**, sabiex tissalvargwardja s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Att XXVII/2000.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Clinton Cachia** xehed bħala spettur tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li fil-15 ta' Lulju 2020 huwa għamel spezzjoni fuq sit ta' kostruzzjoni li jinsab fi Triq Maestro G. Busuttil fis-Swatar fejn sab xogħolijiet għaddejjin fuq proġett ta' tħaffir ta' żewġ (2) sulari taħt il-livell tat-triq, il-bini ta' sitt (6) *maisonettes*, tnejn u għoxrin (22) appartament, u seba' (7) *penthouses*. Huwa jikkonferma waqt il-kontroeżami li ma jiftakarx f'liema ħin tal-ġurnata għamel l-ispezzjoni. Waqt l-ispezzjoni kien qed isir xogħol ta' *shuttering* u tqegħid tax-xibka fuq il-post fil-livell tal-ewwel

sular jiġifieri fil-livell ta’ *basements* fejn dan l-ewwel sular kien għadu ma ssaqqafx iżda kien hemm ix-xibka poġġuta. Waqt l-ispezzjoni huwa sab xi ħaddiema ta' G. Borġ Limited u l-*crane operator* li kien qed jopera l-*crane* mit-triq, u ftit aktar tard kien ukoll wasal is-*safety officer* ta' G. Borg Limited fuq il-post.

Bħala nuqqasijiet huwa sab li kien hemm it-truf tas-soqfa mingħajr ebda ilqugħ intiż sabiex jevita waqgħat mill-għoli, u l-ħaddiema kienu libsin *safety harnesses* fl-assenza ta' l-imsemmi lqugħ fit-truf tas-saqaf. Ix-xhud ippreżenta sett ta’ ritratti. Huwa ħareġ ordni ta' waqfien tax-xogħol li għaddiha lil-kuntrattur fuq il-post, kif ukoll bagħat kopja tagħha lis-sur Camilleri permezz ta' email. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-imsemmija email, li aktar tard ix-xhud jgħid li din fil-fatt ġiet ikkomunikata lil-tifel tas-sur Camilleri, jiġifieri Sylvan, kif ukoll lill-Adrian Calleja li jiġi s-*safety officer* ta’ G. Borg Limited, u lill Camland Limited. Minn riċerka li għamel ix-xhud wara l-ispezzjoni, irriżultalu li Charles Camilleri (KI 236469M) kien indikat bħala l-klijent tal-proġett, jiġifieri għal min kien qiegħed isir ix-xogħol. Huwa ppreżenta *Construction Notification Form* iċċertifikata bħala vera kopja tal-oriġinal minnu stess f’dan is-sens.

Ix-xhud kellem ukoll lill *project supervisor*, is-sur Aldo Busuttil li dakinhar kien direttur ta’ AME Health and Safety Services Limited li kien taħ żewġ rapporti datati 6 ta' Lulju u 13 ta' Lulju. Minn dawn ir-rapporti joħorġu perikli simili għal dawk li sab ix-xhud fuq is-sit. Ix-xhud indika li dawn ir-rapporti ikopru kemm is-sit fejn saret l-ispezzjoni kif ukoll sit ieħor faċċata tas-sit in kwestjoni, peress li dawn is-siti kienu t-tnejn tas-sur Camilleri.

Huwa sussegwentement fit-23 ta' Lulju tal 2020 kien kellem lis-sur Camilleri bħala l-klijent, u dan wara li ngħatawlu d-dritt tal-avukat u tas-silenzju, skont ma jirriżulta mit-twissija ffirmata minnu stess u ppreżentata mix-xhud. Dakinhar is-sur Camilleri kien taħ kopja tal-kuntratt tal-akkwist li ġiet ippreżentata mix-xhud. Mill-kuntratt

huwa seta' jikkonstata li l-art in kwistjoni kienet tgħajjat lill-Camland Limited li tagħha s-sur Camilleri kien direttur. Waqt il-laqgħa ix-xhud kellem lis-sur Camilleri fuq l-*stop order* u n-nuqqasijiet l-oħra. Skont ix-xhud is-sur Camilleri ma tantx tkellem dakinhar. Ix-xhud jgħid li sussegwentement fis-27 ta' Lulju 2020, jiġifieri wara li kellem lis-sur Camilleri fl-uffiċju, huwa kien ġie infurmat li saru xi *remedial works* u huwa pproċeda bi spezzjoni fuq is-sit. Dakinhar ix-xhud kien osserva li x-xogħlijiet kienu tkomplew, infatti kien ingħata l-konkos fuq is-sit milquta bl-*stop order*, u x-xhud ippreżenta xi ritratti li jindikaw dan kollu.

Fuq mistoqsija tal-prosekuzzjoni, ix-xhud jgħid li l-ordni ħariġa fil-konfront ta' s-sur Camilleri peress li n-Notification Form (fol 7 u 8) kienet tindika lis-sur Camilleri. Huwa speċifikatament jikkonferma li ma hariġhomx f'isem l-imputat bħala direttur ta' Camland Limited. Kien fit-23 ta' Lulju 2020 meta saret il-laqgħa li ix-xhud sar jaf li l-art kienet ta' Camland Limited u dan sar jafu mill kuntratt.

Waqt il-kontroeżami ix-xhud ma setax jikkonferma fl-liema ħin u żmien ingħata l-konkos tas-soqfa li għamel refenza għalih waqt ix-xhieda tiegħu. Jikkonferma ukoll li r-responsabilta dwarl-użu tal-ħarness fin-nuqqas ta' ilqugħ fit-truf tas-saqafhija tal-employer, jew tal-kuntrattur. F' dan il-każ l-employer huwa l-kuntrattur peress li l-ħaddiema huma tal-kuntrattur, u mhux tal-klijent.

2. **Il-Prokuratur Legali Quenten Tanti** xehed in rappreżentanza tal-Malta Business Registry speċifikatament dwar is-soċjetà kummerċjali bl-isem ta' Camland Limited li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni C25514. Fil-15 ta' Lulju tas-sena 2020 id-direttur ta' din is-soċjetà kien Charles Camilleri detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 236469M, liema informazzjoni qed tingħata abbażi ta' dokumentazzjoni li ġiet ippreżentata lir-Reġistratur tal-Kumpaniji. Ix-xhud ippreżentata dokument f'dan is-sens.

3. **Aldo Busuttil** xehed illi fis-sena 2020 huwa kien direttur ta' AME Health and Sefety Services Limited. Meta muri Dok CC3 huwa

ikkonferma li dawn ġew ikkomunikati lill-kuntrattur u lill-klijent Camland Limited. Huwa jikkonferma li Charles Camilleri, li ix-xhud kien għaraf fl-Awla kien qabbadhom jagħmlu dak ix-xogħol.

Dwar is-sit fis-Swatar huwa jgid li kien għamel xi inspections hu personali, u aktar il-quddiem kien jibgħat l-ispetturi tas-soċjeta biex jagħmlu l-ispezzjonijiet. Huwa jikkonferma li r-rapporti kienet għamlithom impjegata tas-soċjeta AME Health and Safety Services Limited, li llum ma għadiex impjegata ta' din is-soċjeta, ċerta Kim Pace. Ix-xhud ma setgħax jiftakar jekk kienits ħarħet stop order jew le.

Waqt reżami tal-prosekuzzjoni jgħid li fis-sistema kienu jiddaħħlu r-recipients u imbagħad dawn jintagħtu lilhom dirattament.

4. **Kimberly Pace** xehdet li fl-2020 kienet impjegata bħala health and safety officer mal-AME u li bħala kwalifika hija kellha Degree ta' Construction Engineer. Hija xehdet li kienet ġiet assenjata fuq sit ġewwa s-Swatar u li ma laħqitiex waqt stadju ta' construction imma waqt l-iskavar. Murija Dok CC3 u Dok CC4, cioe ir-rapporti fejn tidher il-firma tagħha hija tikkonferma li din hija l-firma tagħha, tgħid li tiftakar is-sit imma peress li ma kienitx taf għal x'hiex tiela tixhed, u peress li dan kien ilu mill-2020, hija kellha bżonn ftit żmien biex tiftakar.

Aktar tard u wara li ngħatat ftit żmien biex tirrifreska l-memorja tagħha anki permezz tar-ritratti fir-rapporti murija lilha, hija rat li fuq wara tar-rapport hemm indikat li jridu jsiru xogħlijiet biex jipprevjenu l-waqgħat mill għoli, u li dawn iridu jkunu b'saħħithom biex jekk bniedem jkun se jaqa', dan jinżamm.

Hija qalet li r-rapport huwa ġenerat permezz ta' sistema, jew programm, wara li jiddaħħlu r-ritratti li jkunu ittieħdu, imbagħad ikun hemm kliem li jkun miktub minn qabel u hija tkun tista' tagħżel minn dak il-kliem. Fil-fatt fuq domanda tal-Qorti hija tikkonferma li l-kliem li hemm fir-rapport ġie magħżul u *'ticked'* minnha stess. Hi tgħid li fejn ma jkunx applikabbli hi ma tagħżiliex u ma tiġix fir-

rapport. Fuq mistoqsija tad-difiża waqt il-kontroeżami hija tikkonferma li dan ir-rapport huwa *template* u hija tnaqqas u żżid fuqu, u li l-firma hija *scanned* u toħroġ dejjem l-istess. Tikkonferma li din dejjem tkun l-istess.

Murija Dok CC tgħid li tiftakar l-ambjent imma peress li tara ħafna siti hija m'hijiex mija fil-mija. Hija tgħid li r-rapporti Dok CC3 u Dok CC4 ma tafx kif waslu f'idejn il-Qorti, u tikkonferma li dawn jintbagħtu lill min ikun iddaħħal fis-sistema. Murija paġna 9 tar-rapport tat-13 ta' Lulju 2020 tikkonferma li hija m'hijiex f'qagħda tikkonferma li r-ritratt li jidher hemmhekk, tgħid li dan m'hux l-istess ritratt li qed tiġi murija bil-kulur, imma m'hijiex f'qagħda tikkonferma li dawn ir-ritratti humiex tal-istess ħaġa.

Illi d-difiża ma kelliex provi xi tressaq in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Il-Qorti tinnota li d-difiża għażlet li ma ttellax l-imputat jixhed f'dawn il-proċeduri **u dan hekk kif hija kellha kull dritt li tagħmel.** Biss tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li f'kaz ta' reati li joħorġu mill-Avviż Legali 88 tal-2018 li fuqu hija msejsa it-tieni imputazzjoni, u l-maġġor parti ta' r-Regolamenti l-oħra maħruġa taħt il-Kapitolu 424, iżda mhux il-Kapitolu 424 innifsu, l-imputat huwa mgħobbi bl-oneru tal-prova biex jiskolpa ruħu minn l-akkużi kontrih.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

**1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Il-prinċipju ġenerali fil-kamp kriminali huwa dak li l-Prosekuzzjoni għandha fuq-spallita l-oneru li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri. Dan il-prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, li sabiex akkużat jiġi ddikjarata ħati, l-akkużi dedotti kontra tiegħu għandhom

jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni, jista' jingħeleb biss fejn u jekk il-liġi stess tiddetta mod ieħor.

Fil-fatt kif indikat aktar il-fuq insibu li fir-Regolamenti tal-2018 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), Avviż Legali 88 tal-2018, li abbażi tiegħu l-imputat ġie akkużat bit-tieni imputazzjoni, speċifikament fir-Regolament 15, il-leġislatur ried ipoġġi l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-akkużat:

> *"15. F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit."*

Apparti dan, fejn il-prova tispetta lill-Prosekuzzjoni wieħed irid iħares lejn il-livell ta' prova mistennija fil-kamp kriminali. Huwa għaldaqstant mistenni li l-Qorti tkun konvinta li akkużi dedotti kontra l-akkużat jirriżultaw ippruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-Qorti tagħmel parentesi hawnhekk dwar provi dokumentarji u dwar il-prinċipju ta' applikabbilta ġenerali, kif enunċjat fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Concetta Charles**. Din il-Qorti għandha t-tħassib tagħha dwar l-applikabbilta ta' dan il-prinċipju f' ċerta każijiet. Fil-ġurnata tal-lum fejn ħafna sistemi qed jiġi modernizzati u l-burokrazija żejda qed titwarrab, u allura formoli u applikazzjonijiet qed jiġu aċċettati mill-awtoritajiet anki scanjati, dan il-prinċipju m' għandux isib applikabbilta b'mod ġenerali. Fejn l-awtoritajiet jkunu jaċċettaw fotokopji, jkun diffiċli jekk mhux impossibbli li l-istess awtoritajiet ikollhom fil pussess tagħhom tali formoli f'forma oriġinali, u wisq anqas ma jkunu f'possibilta li jeżebuhom fil-Qorti. Ma tagħmilx sens li l-ewwel persuna tingħata l-benefiċċju li tissottometti kopja scanjata jew fotostatika, imbagħad fi proċeduri fil-Qorti l-istess persuna tinsisti għal kopja oriġinali meta hi stess tkun taf li l-awtorita ma jkolliex aċċess għal oriġinali. Huwa għalhekk li kopji fotostatiċi f'ċerta każijiet għandhom ikunu aċċettabbli bħala prova bil-piż probabatorju tagħhom.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza reċenti ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-**Maġistrat Dr. Rachel Montebello fl-ismijiet il-Pulizija vs Christian Borg, deċiża nhar id-9 ta' Ottubru 2023** f'ċirkostanzi simili għal dawk li għandha quddiema din il-Qorti fejn il-Qorti daħlet fid-dettall fuq dan il-punt.

## 2. L-Imputazzjonijiet

Għal fini tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni li huma bbażati fuq il-Leġislazzjoni Primarja jiġifieri l-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trid tapplika d-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2. Hemmhekk wieħed isib id-definizzjoni ta' 'ħaddiem' u 'min iħaddem' fost oħrajn:

> *" "ħaddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġ ta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment"*
>
> *" "min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u*
>
> *(a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;*
>
> *(b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta'servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum;"*

Il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid il-paragrafu (a) ta' din id-definizzjoni li fil-każ fejn ikun tqabbad kuntrattur, is-sid ikun speċifikament eskluż mid-definizzjoni ta' min iħaddem. Din l-esklużjoni ma tapplikax fil-każ li s-sid ikun forna xi għodod, tagħmir jew materjal għal difetti magħrufa jew prevedibbli li jistaw jiżviluppaw f'tali għodod, tagħmir jew materjal.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak li jgħid l-artikolu 6 tal-Kap 424:

> *"6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*
>
> *Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att."*

Skont il-proviso ċitat meta min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, dan xorta waħda jibqa' responsabbli taħt l-obbligi li joħorġu mill-Kap 424 u Regolamenti magħmula taħtu.

Din il-Qorti ikkunsidrat li l-esklużjoni fil-paragrafu (a) tad-definizzjoni ta 'min iħaddem' u l-proviso tal-artikolu 6(1) hija kemxejn ambigwa u konfliġġenti. L-aħjar interpretazzjoni li l-Qorti tista' tagħti għal dawn l-artikoli tal-Att hi li fejn il-proviso jagħmel referenza għal fatt li 'min iħaddem' meta jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra ma' jkunx eżenti mir-responsabbiltà għal nuqqasijiet taħt dan l-Att, jew Regolamenti mgħamula taħtu, moqri fid-dawl tad-definzzjoni ta' 'min iħaddem', tali responsabbiltà tkun tissussisti biss fil-każ li min iħaddem ikun forna għodod, materjal jew tagħmir li rriżultaw difettużu, u dan id-difett kien magħruf minn min iħaddem u ma ġiex indikat, jew seta' jkun magħruf.

**L-Ewwel Imputazzjoni:** *Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċità tiegħek personali u/jew bħala klijent li għalih qiegħed isir xogħol u direttur ta' Camland Limited fis-sit sitwat fi Triq Maestro Ġiuseppe Busuttil, Swatar, Birkirkara, nhar il-15 ta' Lulju 2020 matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel inqast milli tħares is-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqast milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424.*

Illi f'din l-imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat **(i) f'ismu personali, u/jew (ii) bħala klijent li għalih qed isir xogħol, u (iii) bħala direttur ta Camland Limited,** fir-rigward ta' nuqqas ta' tħaris tas-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir. Il-prosekuzzjoni, peress li hekk tiddetta l-liġi, tkompli billi tiddeskrivi f'hiex jikkonsisti tali nuqqas, jiġifieri n-nuqqas milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol. Din l-imputazzjoni hi msejsa fuq il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti semgħet lill-ispettur tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Clinton Cachia jixhed b'mod ċar u mingħajr tlaqliq kif dak inhar, jiġifieri fil-15 ta' Lulju 2020 huwa kien għamel spezzjoni fis-sit sitwat fi Triq Maestro Ġiuseppe Busuttil, Swatar, Birkirkara u hemmhekk sab xogħolijiet għaddejjin. Huwa xehed li kien hemm nuqqasijiet. Qabel din il-Qorti tgħaddi biex tevalwa x'kienu dawn in-nuqqasijiet, il-Qorti se tgħaddi biex tikkonsidra jekk l-imputat għandux jirrispondi għan-nuqqasijiet msemmija.

L-ispettur tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Clinton Cachia jgħid li sab xi nuqqasijiet fis-sit. Minn riċerka li għamel ix-xhud wara l-ispezzjoni, irriżultalu li Charles Camilleri (KI 236469M) kien indikat bħala l-klijent tal-proġett, jiġifieri għal min kien qiegħed isir ix-xogħol. Huwa ppreżenta *Construction Notification Form* iċċertifikata bħala vera kopja tal-oriġinal minnu stess f'dan is-sens. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għal dak li jintqal aktar il-fuq dwar il-valur probatorju ta' din il-*Construction Notification Form* ippreżentata fl-atti tal-proċess bħala kopja awtentika. Din il-Qorti fil-fatt tqis dan id-dokument bħala wieħed validu, mhux kontestat, u għaldaqstant veritjer.

Biss jingħad li qabel il-laqgħa li kellu mal-imputat fit-23 ta' Lulju kif konfermat fix-xhieda tiegħu l-ispettur tal-Awtorità Clinton Cachia jgħid li l-ordni ħariġha fil-konfront ta' l-imputata Charles Camilleri peress li l-*Construction Notification Form* kienet tindika lis-sur Camilleri, u mhux

f' isem l-imputat bħala direttur ta' xi kumpanija. Dan mexa fuq dak dikjarat fid-dokumenti mill-imputat stess.

Minn din il-*Construction Notification Form* il-Qorti setgħet tikkonstata li l-imputat kien imniżżel kemm bħala klijent, kif fil-fatt jikkonferma x-xhud Clinton Cacia, iżda ukoll bħala kuntrattur fil vesti tiegħu ta' direttur tal-kumpanija JSD Construction. Din il-Qorti fil fatt ikkunsidrat li għalkemm ix-xhud tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Clinton Cachia ma tax importanza għal dan il-fatt, u fid-dawl tal-fatt li l-Qorti setgħet tikkonstata li fl-istess *Construction Notification Form* iffirmata mill-imputat stess, il-partijiet *"Details of Contarctor(s)/Self Employed Person(s) already chosen"* u *"Client details"* iġibu l-istess email, numru tal-mowbajl u numru tal-karta tal-identità, din il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien jaf li huwa jinsab akkużat bir-reati addebitati lilu u seta' jiddefendi ruħu minnhom.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Patrick Vella**, **deċiża mill-Onor. Imħallef J. Galea Debono fil-31 t'Awissu 2006.** F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet hekk:

> *"Illi dwar l-ewwel aggravju, dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza li c-citazzjoni kull ma hija, hu "avviso a comparire" u li bizzejjed li fiha, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu taddicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat."*

Il-**Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Prim' Imħallef Emeritus Dr. V. De Gaetano fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici deċiża fis-26 ta' Mejju 1995** sostniet:

> *"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' lartikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

Fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et deċiża mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima fid-19 ta' Novembru 2015**, ġie ritenut:

> *"Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:*
>
> *"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."*
>
> *Dan ifisser allura illi ir-responsabbiltà kriminali hija waħda personali u mhux waħda rappreżentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp ċivili. Għalhekk ma hemmx għalfejn li l-appellati jiġu*

*iċċitati fil-vesti ta' direttur jew in rappreżentanza ta' xi soċjetà kummerċjali."*

Dwar in-nuqqasijiet imsemmijin mix-xhud Clinton Cachia kienu jikkonsistu f' nuqqas ta' ilqugħ biex jipproteġi ħaddiema li kienu preżenti fuq is-sit jew persuni li jkunu fuq is-sit mill-waqgħat mill għoli. Huwa esebixxa sett ta' ritratti li ħa hu stess. Minnhom u mix-xhieda tal-ispettur din il-Qorti hija moralment konvinta dwar it-teżi tal-prosekuzzjoni li l-periklu ta' waqgħat mill għoli kien wieħed reali, li fuq il-post kien hemm ħaddiema qed jaħdmu, u li ma kienx hemm l-ilqugħ skont ma titlob il-liġi, jew il-prekawzjonijiet bħal użu ta' *harnesses* li jistgħu jipproteġu lill-ħaddiema milli jweġġgħu f' każ ta' waqgħat. Din il-Qorti hija konvinta ukoll dwar il-fatt li s-sit in kwestjoni huwa tassew post tax-xogħol ai termini tat-tifsira tal-artikolu 2 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, cioé *"kull fond, lok, faċilità, bastiment jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal-impieg tiegħu".*

Abbażi ta' dan l-ispettur tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ħareġ *stop order,* ossia ordni sabiex jieqfu x-xogħolijiet f'dan is-sit.

**Il-Qorti għar-raġunijiet kif imfissra sopra tqis li l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata u għalhekk issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**It-tieni imputazzjoni:** *Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċità tiegħek ta' klijent inqast milli tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol billi nqast milli tfassal pjan tas-saħħa u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' Art. 5(4)(a) ta' A.L. 88/2018.*

Permezz ta' din l-akkuża l-imputat qed jiġi mixli li fil-kapaċità tiegħu ta' klijent fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi jiġifieri nhar il-15 ta' Lulju 2020 matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel huwa naqas mill jfassal pjan tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni. Dan l-aġir huwa fil-fatt sanċit mill Artikolu 3(3) li jagħmel referenza għal artikolu 5(4)(a) tal-Liġi Sussidjarja 424.36:

> *"3(3) Il-klijent għandu jiżgura illi qabel jibda sit ta'kostruzzjoni, għandu jara li jiġi mfassal pjan tas-saħħa u s-sigurtàskont is-subregolament (4) tar-regolament 5."*

L-artikolu ċitat hawn fuq imbagħad jgħid li:

> *"5(4) Is-supervisor tal-proġett għandu ukoll:*
>
> *(a) jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, u għandu jfassal pjan tas-saħħa u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni;"*

Din il-Qorti diġà fliet il-provi dwar il-fatt li l-imputat kien *inter alia* klijent. Dan ġie ppruvat kemm bix-xhieda tal-ispettur tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Clinton Cachia, li ppreżenta *Construction Notification Form* ċċertifikata bħala vera kopja tal-oriġinal u li ġġorr il-firma tal-imputat, fejn fiha hemm indikat li l-imputat huwa l-klijent. Din ġiet ikkoraborata bix-xhieda tad-Direttur tas-soċjetà li kienet ġiet appuntata mil-imputat bħala *Supervisor* fis-sit in kwistjoni, kif ukoll mil-kuntratt li jindika lill-imputat bħala direttur tas-soċjetà li kienet is-sid tas-sit fejn kienu qed isiru x-xogħolijiet.

L-imputat, bħala klijent allura kien taħt l-obbligu impost mil-Liġi ċitata li qabel jibda x-xogħol fuq is-sit hu kellu jiżgura ruħu li l-pjan tas-saħħa u sigurtà jiġi mfassal. Issa kif ingħad hawn fuq, fir-rigward tal-Liġi Sussidjarja 424.36, il-Leġislatur ħass li għandu jitlaq mill-prinċipju ġenerali li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ kontra l-imputat il-hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, u minflok tgħabbi lill-imputat bl-oneru tal-prova.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal-artikolu 15 tal-Liġi Sussidjarja 424.36 li jgħid:

> *"15. F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbli jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit."*

Il-Prosekuzzjoni permezz tat-tieni akkuża, xliet lill imputat li huwa naqas milli jara li l-pjan tas-saħħa u sigurta jiġi mfassal.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel refenza għal-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali deċiż mill Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. fit-12 ta' Dicembru, 2018 fl-ismijiet Il-Pulizija Vs Maria Luigia Baldacchino u Nazzareno Baldacchino** fejn il-Qorti iddelineat l-obblogi tal-klijent:

> *"Salv jekk mhux provdut mod iehor fl-Avviz Legali 88 ta' l-2018, il-klijent irid jara inter alia li:*
> *1. Jahtar supervisor ghall-istadju ta' disinn u kostruzzjoni;*
> *2. Jiehu in kunsiderazzjoni kull rapport bil-miktub moghti mis-supervisor;*
> *3. Izomm il-files u kull informazzjoni ohra rilevanti;*
> *4. Jizgura li jithejja pjan tas-sahha u sigurta'*
>
> *Illi r-Regolament 6 tal-Avviz Legali 88/18 jirravviza li minkejja li l-klijent ikun hatar supervisor tal-progett huwa ma jehlisx mir-responsabilitajiet tieghu f'dak ir-rigward. Dan ifisser li anke jekk ikun hatar supervisor, il-klijent, allura l-persuna li twettaq il-progett, tibqa' xorta wahda responsabbli ghal obbligi kollha naxxenti mirregolamenti. (Ara Il-Pulizja vs Raymond Zammit u Silvana Zammit)"*

Il-klijent f'dan il-każ naqas mill obbligu tiegħu skont ir-raba' punt msemmi fl-obbligi delineati mil-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-prosekuzzjoni ġabet provi li jindikaw li dan il-pjan ma kienx imfassal peress li kien hemm numru ta nuqqasijiet fuq is-sit. L-imputat kellu l-opportunita' jirribatti dak li kien qed jiġi allegat mill-prosekuzzjoni u dan billi jġib il-prova hu li l-imsemmi pjan ġie mfassal. Id-difiża, hekk kif jirriżulta mil-verbal tas-seduta ta' nhar it-13 ta' Ottubru 2023 iddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din it-tieni imputazzjoni tirriżulta u għalhekk issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**It-tielet imputazzjoni:** *Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi inqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tad-15 ta' Lulju 2020, sabiex tissalvargwardja s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-artikolu 17 (1) tal-Att XXVII/2000.*

L-artikolu 17 tal-Att Dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol jgħid:

> *"17.(1) Uffiċjal jista' jagħti ordni, verbalment jew bil-miktub, biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u kull persuna għandha tobdi dan l-ordni minnufih sakemm ma jiġix revokat minn uffiċjal jew mill-Bord ta' Appelli:*
>
> *Iżda persuna li tirċievi ordni, kemm jekk dik il-persuna tkun ħaddiem jew min iħaddem, tista' tiddefendi ruħha mill-akkuża li tkun kisret l-ordni jekk tipprova li kieku ikkonformat ruħha ma'dak l-ordni kien ikun ta' detriment immedjat għas-saħħa u għas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol:*
>
> *Iżda wkoll kull ordni li jingħata verbalment għandu jiġi konfermat bil-miktub u mwassal għand il-persuna li lilha jkun mogħti fi żmien tliet ijiem tax-xogħol."*

Kif jingħad hawn fuq l-ispettur tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Clinton Cachia kien aċċeda fis-sit in kwistjoni fejn hemmhekk ikkonstata li dan kien sit tax-xogħol u li kien hemm nuqqasijiet dwar is-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u wara li tkellem mal-kuntrattur u mal-*project supervisor*, huwa wasal għal konklużjoni li x-xogħol kellu jieqaf u jitkompla biss wara li n-nuqqasijiet jiġu indirizzati.

Din il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' l-ispettur Clinton Cachia li ikkonferma li huwa ħareġ ordni biex ix-xogħolijiet jieqfu *(stop order)*. Huwa xehed li din l-*istop order* ingħatat lil-kuntrattur fuq il-post, kif ukoll dak inhar stess intbagħtet lill-imputat fuq l-email camland@camland.co li tidher kemm fuq il-parti tas-Sezzjoni A kif ukoll B tal-*Construction Notification Form*, kif ukoll lil-*Project Supervisor*.

L-istess xhud imbagħad kien reġa' aċċeda fuq is-sit, wara li ġie infurmat li saru x-xogħolijiet rimedjali, fejn mix-xhieda tiegħu, għalkemm dan ma setgħax jgħid meta saru dawn ix-xogħolijiet, biss irriżultalu li x-xogħlijiet kienu tkomplew minkejja l-*istop order.* L-imputat kien notifikat bl-istess ordni propju dak inhar kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni jiġifieri fil-15 ta Lulju 2020, u għaldaqstant l-imputat kellu jara li ma jsirux xogħolijiet f'dan is-sit. Mil-provi prodotti jirriżulta li x-xogħolijiet fil-fatt tkomplew.

L-abbli avukat difensur waqt it-trattazzjoni jibbaża d-difiża tiegħu dwar din l-akkuża fuq iż-żmien li jissemma fl-imsemmija akkuża cioé '*fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi'*. Huwa jikkontendi li allura sabiex jasal għaż-żmien li fih l-imputat allegatament għamel jew naqas milli jagħmel dak li qed jiġi akkużat bih, fir-rigward tat-tieni u t-tielet akkuża, wieħed bilfors ikollu jħares lejn l-ewwel akkuża peress li din biss tagħti indikazzjoni ta' data u ħin. L-ewwel akkuża ssemmi l-15 ta' Lulju 2020 u l-ġranet ta' qabel. Din il-Qorti taqbel perfettament mat-teżi tad-difiża f'dan ir-rigward.

Id-difiża tkompli ssostni li din il-Qorti tista' biss ikollha s-serħan tal-moħħ li l-imputat sar jaf bl-*istop order* wara li intbagħtitlu l-email fl-indirizz camland@camland.co fit-15:47 sa 15:48 tal-15 ta' Lulju 2020. Konċedut

dan minn din il-Qorti, jibqa l-fatt li l-ordni ngħatat u twasslet lill-imputat propju fid-data msemmija fl-akkuża, cioé fil-15 ta' Lulju 2020.

Din il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid l-Artikolu 17 li *"kull persuna għandha tobdi dan l-ordni minnufih"*. Għaldaqstant ma hemmx dubbju li l-imputat kellu jobdi din l-ordni. L-imputat bħala sid, huwa l-persuna li għandha l-kontroll assolut u l-interess fix-xogħol u li fuq l-ordnijiet tiegħu jsir jew jitkompla x-xogħol. Hu kellu jara li dik l-ordni tiġi eżegwita u infurzata u dan skont l-istess Artikolu *"sakemm ma jiġix revokat minn uffiċjal jew mill-Bord ta' Appelli"*.

Mit-tieni spezzjoni tal-ispettur tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Clinton Cachia li saret fis-27 ta' Lulju 2020, huwa ikkonstata u xehed quddiem il-Qorti li x-xogħlijiet kienu fil-fatt tkomplew minkejja l-ordni għal waqfien tax-xogħol li kienet għada fis-seħħ. Għaldaqstant, il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova bħala stat ta' fatt li l-ordni li ngħatat fil-15 ta' Lulju 2020 ma ġietx obbduta.

**Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni wkoll.**

C. **<u>Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat il-kobor tal-proġett in kwistjoni.

**D. <u>Deċide</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 2, 6(1)(2), u 17(1) tal Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 3(3), 5(4)(a) u 15 tal-Liġi Sussidjarja 424.36 tal-Liġijiet ta' Malta issib l-imputat Carmel Camilleri detentur tal-karta ta' l-identità numru 236469M ħati tal-

imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal multa komplessiva ta' tlett elef Ewro (€3,000).

**Dr Kevan Azzopardi**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**

**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**